**KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA**
**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512**
**TEL: 2168 0622 • FAX: 2168 0606**
**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**
**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt /www.lc.gov.mt**

Minuti tas-seduta numru tmienja u għoxrin (28) tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba (KLM) li nżammet nhar it-Tlieta, 16 ta' Settembru, 2014, fil-Bini Amministrattiv tal-KLM fis-6:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| PREZENTI: | Nicholas Briffa | Sindku |
| | Charlene Zammit | Viċi Sindku |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Ezekuttiv (SE) |

1. Is-Sindku ippresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Is-Sindku talab lill-kunsillieri jiskużaw lill-kunsillier Michel Farrugia li qal li se jkun assenti minħabba safar u t-talba kienet milqugħa unanimament.

3. Il-laqgħa bdiet tard għaliex ma kienx għad kellna quorum.

4. Il-minuti tas-seduta preċedenti li kienu mgħoddija mis-SE qabel il-laqgħa permezz ta' e-mail, kienu meħuda bħala moqrija u dawn kienu approvati bil-korrezzjonijiet li xtaqu l-kunsillieri kif jidhru fuq il-kopja oriġinali u Charlene Zammit issekondat u l-minuti għaddew u kienu approvati unanimament.

**Punti mill-Minuti:**

5. Is-Sindku qal li ta' kull filgħodu Misraħ il-Fidwa qed ikun imnaddaf mil-*left overs* tal-iskart li qed iħallu t-tfal minħabba l-użu tal-post.

6. F'*e-mail* li bagħat il-Perit Edric Micallef lill-KLM, ġejna nfurmati illi *Transport Malta* se tagħmel iż-żebgħa fit-toroq arterjali. Dwar każijiet pendenti oħra, s-Sindku qal li qed ikunu kkuppjati kemm is-Sur Marc Sant, il-President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kif ukoll is-Sur Mario Fava.

7. Paul Spiteri staqsa meta se jitressaq il-*bus shelter* tas-Sejba għaliex dalwaqt se tibda l-iskola u qed nerġgħu nistennew konġestjonijiet f'din iz-zona. Is-Sindku qal li dan irid jitressaq minn *Transport Malta.*

8. Dwar il-proġett li fuqu qed taħdem Charlene Zammit flimkien maż-żgħażagħ, intqal illi issa l-*Christmas Village* qed jiġi propost għal nhar il- 21 ta' Diċembru mill-11:00am sa filgħaxija. Il-Viċi Sindku qalet li dan se jkun abbinat ma' ġbir ta' fondi għall-*Fondazzjoni Qalb it-Tfal* u se jkun hemm *sponsors* li ser issib il-fondazzjoni biex jgħinuna ntellgħu l-attivita'. Hija qalet illi jekk l-Aġenzija Żgħażagħ tagħzel il-proġett propost, €3,000 li jridu joħorġu *cash* mill-KLM u mbagħad niġu rimbursati 80% minnhom. Għalhekk dal proġett finalment ikun sewa 'l-KLM €600. Is-Sindku qal li l-fatt li rridu noħorġu €3000 cash se jkun ta' piz finanzjarju kbir fiċ-ċirkustanzi tal-KLM filwaqt li Charlene Zammit qalet illi l-kunsilli lokali li applikaw għal dan il-proġett ma kellhomx problemi biex jiġbru l-flus lura. Għaldaqstant Nicholas Briffa talabha tipprezenta *budget* kif se jintefqu dawn il-flus. Charlene Zammit sostniet li l-flus li se nonfqu, se neħduhom lura. Hi spjegat ukoll li l-vendituri li se jieħdu sehem, se jħallu donazzjoni. Paul Spiteri talab sabiex naraw illi din l-attivita' ma tinzertax ma' xi attivita' tal-każin li tkun ilha skedata. Filwaqt li Grace Marie Mallia qalet li jista jkun li f'dak iż-żmien dawn jorganizzaw bazaars. Hija qalet biex noqgħodu attenti biex ma ntellfux bl-attivita' li ser jorganizza l-KLM.

9. Dwar Ġnien Tfal ir-Raħal, is-Sindku qal li dan se nirrivampjawh ftit b'manutenzjoni li hija intenzjonata li ssir. Hu qal li ġibed l-attenzjoni ta' tfal li qed jitilgħu fuq is-saqaf tal-latrina

għaliex il-kanċell tas-*sub station* qed isservi ta' sellum. Għaldaqstant hu qal li hemm bżonn li jitpoġġa il-*barbed wire* ħalli din il-*weak point* tissaħħaħ għall-ġid tat-tfal tar-raħal.

10. Hawn issemma' l-*Open Gym* propost, kif ukoll l-entuzjazmu tal-grupp Kri-8 immexxija minn Fr G Schembri. Infatti Nicholas Briffa qal li hu mhux se jsibha bi tqila illi joffri li l-*kiosk* li hemm f'dan il-ġnien titħaddem minn dan il-grupp filwaqt li terġa' tinfetaħ il-latrina pubblika.

11. Għall-proposta ta' Paul Spiteri, biex il-KLM jimmanifattura l-ornamenti tat-toroq tal-Milied, is-Sindku qal li minħabba l-qagħda prekarja finanzjarja tal-KLM, din is-sena hu daqsxejn diffiċli biex isiru għaliex ma nistgħux inlaħħqu mal-ħafna spejjez, speċjalment issa li qed joħorġu l-ispejjeż eżatti ta' Ġnien Onġi Onġella li l-isem tiegħu kien approvat fil-Gazzetta tal-Gvern (flimkien ma Triq il-Friefet). Is-SE qal li hija ħaġa normali illi fl-aħħar tliet xhur tas-sena (inkluz l-2014) jsiru spejjeż ta' ospitalita' kbar u għaldaqstant se jkunu diffiċli ferm biex jinżammu 5 attivitajiet kulturali sa April 2015 li ġej u l-kredituri jċemplu lis-SE biex jitħallsu. Dawn l-attivitajiet huma, *party* fil-Milied u l-karnival, Karnival taż-Żfin, L-Imsallab fi Triqatna, Jum l-Imqabba u l-attivita' *Biss bil-Ħila*. Madankollu is-Sindku qal li Ġnien Onġi Onġella kien prijorita' u ma stajniex ma nagħmluhx.

12. Dwar il-propost bill board, il-KLM kiteb lill-MEPA, (fejn għadna mingħajr risposta) u jidher illi skont l-Avvizi Legali lil konna ggwidati nimxu magħhom mill-Uffiċċju tal-Perit William Lewis, m'hemmx għalfejn napplikaw għal permessi ġaladarba l-attivita' li se nirreklamaw mhix xi reklam ta' xi prodott kummerċjali.

13. Dwar il-korsijiet tal-*Adult Education* m'għandniex *feedback*, u jidher li għandna l-problemi dwar tliet siġġijiet li tqattgħu allegatament minn tfal li kienu fil-kors tal-I-Kids fil-librerija u li dwarhom il-Kap tal-Iskola qed iżżomm lilna responsabbli, u li jiswew €75. Hawn Charlene Zammit u Grace Marie Mallia qalu illi għandu jinżamm responsabbli min kien qed joffri l-korsijiet, għax l-għalliema kienu provduti minnu u kienu huma responsabbli għall-istudenti.

14. S'issa għadna ma nafux meta se nkunu qed noffru d-*drink* tal-festa lis-Soċjeta' Santa Marija u se nagħmlu kuntatt magħhom fil-jiem li ġejjin.

15. Dwar il-*Move week*, is-SE qal li approva (iffirma l-permess tal-pulizija) bil-parteċipazzjoni tas-Soċjeta' Muzikali Madonna tal-Ġilju. Dawn se jkunu qed jorganizzaw attivita' għada u nhar il-Ħadd li ġej.

16. Is-Sindku qal li fuq inizjattiva tas-SE il-KLM għamel sinjal (*line*) isfar quddiem il-parapett ta' residenti fi Triq Ħal Kirkop għaliex peress li dawn talbu bankina u l-KLM mhux f'pożizzjoni finanzjarja li jagħmilha, iċ-ċirkostanzi qed juru illi hemm min qed jipparkja eżatt mal-ħajt tal-parapett u dawn l-istess residenti jissakkru f'darhom għax jimblokkawlhom id-daħla.

17. Charlene Zammit semmiet il-*European Voluntary Services* jew aħjar l-opportunita' li jsir volontarjat barra minn Malta. Madankollu s-Sindku qal li biex nimpenjaw liż-żgħażagħ, hu aktar jaħseb li jkun ta' utilita' illi nippruvaw insibu data u post addattat sabiex norganizzaw *clean up* fl-Imqabba, permezz tal-voluntieri.

18. Dwar il-proposta mawra fi Sqallija minn Grace Marie Mallia għall-Fiera dei Morti, is-SE qal li l-avviz se nibagħtuh lill-Kappillan, filwaqt li esebixxa kopja tal-poster li se jitwaħħal fil-ħwienet. Grace Marie Mallia tat xi dettalji li kienu fil-fatt diġa' mniżżlin fil-poster u se jidhru fuq il-biljetti. Dwar dettal li s-SE kien ħalla barra għaliex ħaseb li ma jinteressax lill-pubbliku, huwa kellu jniżżel li l-parkeġġ tal-*coach* se jkun inkluż f'Taormina għaliex kien importanti daqs ħlas ta' eskursjoni extra permezz tal-cable car biex tasal f'dan is-sit.

19. Dwar talba sabiex tinqala' lampa minn ma' arblu fl-inħawi ta' Triq George Martin, Charlene Zammit qalet illi hija ma' taqbilx li nħallu l-area fid-dlam. Intant is-SE qal illi l-arblu li deher fir-ritratt tiegħu, bil-*cables* imqabbdin tal-Korporazzjoni Enemalta, kien perikoluż u jrid jinstab sit ġdid fejn se teħel din il-lampa. Is-Sindku qal li r-residenti stess ma jridux dawl f'din iz-zona.

20. Nicholas Briffa qal li s-siġra selvaġġa li kienet kibret fil-ġibjun tal-Imqabba, issa nqalgħet mill-KLM u jidher li xi ħadd qatta' x-xibka apposta u tefa' xi ġebel goff fil-ġibjun li issa jrid jitneħħa.

21. Għall-inawgurazzjoni ta' Ġnien Onġi Onġella, is-SE kien awtorizzat jikri 40 siġġu, tliet imwejjed kbar u waħda zgħira, jħaddem il-*pa system* tal-KLM u jieħu ħsieb jixtri d-drinks u jkessaħhom. Is-Sindku qal li se tittrimmja ruħha l-lantana (hedge) li wkoll se nzidu minnha f'xi postijiet minħabba s-sigurta', filwaqt li fadlilna d-dwal biex jinxtegħlu l-erba' pilastri u l-arloġġ, kif ukoll jitwaħħlu l-globi u l-bandieri fuq l-istruttura tad-daħla. Il-programm se jkun jikkonsisti filli jagħmel diskors is-Sindku u r-ringrazzjamenti, kif ukoll diskors tas-Segretarju Parlamentari Onor Stefan Buontempo. Imbagħad il-Kappillan ibierek il-Ġnien wara li tinqata' z-zigarella u t-tfal ikantaw Onġi Onġella. Għat-tfal, se jkunu hemm il-*muffins,* ġelat u *show* minn karattru bl-isem Tuteppi li se jkun qed jagħmel juggling u jilgħab mat-tfal. Se jkollna fostna wkoll l-karattru tal-Green pak Co-op liema team ftiehem miegħu is-SE u se jkun qed jitmexxa mill-PR office ta' Green pak. Benny Casha se jkun qed jisponsorjalna token ta' rigi bil-karattri fuqhom ta' *Buz* u *Jes*, filwaqt li l-kuntrattur Giovann (Elle's) se jkun qed jisponsorjalna *play house* għat-tfal. Fir-ringrazzjamenti se jkunu qed jissemma id-Direttorat tat-Tindif bl-għotja tagħhom ta' żewġ kontenituri tal-iskart fil-forma ta' *teddy bear*.

22. Kienet diskussa l-attivita' ta' Jum l-Imqabba, li se tkun tikkonsisti f'serata nhar il-25 ta' Ottubru u Quddiesa ta' ringrazzjamnet nhar is-26 ta' Ottubru. Kienet ukoll imsemmija l-attivita' Biss bil-Ħila (b'diskussjoni dwar it-tpoġġija tal-palk quddiem is-Soċjeta' Santa Marija u l-kukkanja quddiem is-Soċjeta' Madonna tal-Ġilju) u s-Sindku qal li se jkun fiha kwazi l-items kollha li kellna s-sena l-oħra għajr il-wirja tal-karozzi mill-*Ford Classic Cars*. Fi Triq Karmenu Ciantar se jitpoġġew il-vetturi antiki ta' Leli Camilleri. Hu qal li rridu nsibu l-lista tal-artisti li taw sehemhom is-sena l-oħra ħalli nagħmlu kuntatt magħhom. Din l-attivita' se ssir fit-12 ta' Ottubru u s-SE kien awtorizzat jibgħat purchase order lis-Soċjetajiet tal-Banda biex nieħdu is-servizz tagħhom, kif ukoll oħra simili lill-Imqabba Football Nursery fejn dawn se jkunu impenjati skont is-Sindku, jakkumulaw l-iskart separat billi jħabbtu l-bibien tan-nies u jitolbuhulhom filwaqt li tinħoloq forma ta' kompetizzjoni. Hawn Charlene Zammit qalet li jekk l-attivita' se ssir biex in-nies joħorġu mid-djar, dawn se jkunu qed imorru fid-djar u jsibuhom vojta. Intant se jkunu mistiedna wkoll il-Greenpak Co-op biex ikejlu l-ammont ta' skart illi jkun inġabar minn dawn it-tfal tan-*nursery* f'din il-kompetizzjoni. Se jkunu qed jagħtu sehemhom ukoll il-grupp tal-kors tat-tisjir tas-sena l-oħra. Issemma' l-ikel li se jkun qed jiġi ppreparat mis-soċjetajiet, il-proposta wirja tal-klieb tal-pulizija, u l-entertainment minn *Shake Dancers*, Federica Falzon, Marisa D'Amato, *Line dancers*, il-*bouncing castle*, stand proposta għall-annimali ezotiċi, oħra minn Dogs' Trust u proposta ta' sponsor ta' *T-Shirts.*

23. Dwar l-applikazzjonijiet għall-Ġieħ l-Imqabba, il-KLM kien infurmat mis-SE illi kellna nomina waħda li ġejja mill-Iskola Primarja tal-Imqabba, fejn kien innominat is-Sur Macleish. Madankollu is-Sur Macleish m'ilhux għaxar snin joqgħod l-Imqabba u n-nomina ma tissodisfax ir-regoli li qara s-Sindku fil-laqgħa, jiġifieri li jrid ikun sekondat minn disa' persuni oħra li jridu jkunu joqħodu fl-Imqabba, filwaqt li l-KLM irid ikun unanimu fid-deċizjoni. Intant, is-Sindku qal li din il-persuna jixraqilha l-unur tal-mertu għal kontribut li qed tagħti mat-tfal fil-qari bil-lingwa ingliża. Is-Sindku semma l-fatt li bl-emendi fir-regoli, issa l-membri tal-KLM jistgħu jinnominaw lil xi persuni għall-ordni tal-mertu.

24. Kienet approvata l-Payment Approval Sheet numru 486.

**Punti oħra**

25. Grace Marie Mallia talbet sabiex jinqata' l-ħaxix ħazin fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti fejn il-ġnien.

26. Grace Marie Mallia qalet li hija arukaża li l-bankina tal-iskola u l-isqaq tax-Xantin huma kollu ħmieġ tal-klieb, u hemm bżonn li dawn in-nies jinqabdu.

27. Charlene Zammit ressqet il-proposta ta' resident li joqgħod fin-naħa ta' fuq ta' Triq il-Parroċċa illi qed ikun imblukkat f'kull *air show*, sabiex jitpoġġa *warden* ħalli jieħu ħsieb l-akwati fl-air show. Hawn is-Sindku qal li tajjeb li f'din iz-zona jkun hemm warden mhux għassa ma residenza izda sabiex jieħu ħsieb it-traffiku biex dan jimxi kif suppost.

28. Charlene Zammit qalet illi hemm bzonn li jinqata' wkoll il-ħaxix li qed joħroġ 'il barra fi Triq is-Siġġiewi.

29. Fil-korrispondenza kienu diskussi *e-mail* li rċevejna minn *Transport Malta* dwar yellow line li tpoġġa mill-KLM mingħajr awtorizzazzjoni tagħhom quddiem residenza fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, propju fis-*service road.* Dwar dan is-Sindku qal li hu stess wara li kien ta l-ordni biex isir il-*yellow line,* talab lill-ħaddiema tagħna sabiex ineħħu partijiet minnu.

30. Kienet diskussa wkoll it-talba sabiex il-bejt tal-latrina pubblika jibda jintuża minn individwu biex jonxor il-ħwejjeġ. Dan kien deskritt bhala *encroachment* u l-permess ma ingħatax.

31. Il-laqgħa ntemmet fit-8:15pm u l-laqgħa li jmiss tal-KLM se tinzamm nhar is-7 ta' Ottubru, 2014 fis-6.30pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*07/10/2014 minn:* | **Nicholas Briffa**<br>**Sindku** |